MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2009

Numru. 994/2009

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Stephania Grech, bint Louis, imwielda Pieta' fl-4 ta' Diċembru, 1971

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata:
1. talli fil-25 ta' Settembru, 2009 għal ħabta tad-8.45 p.m., ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' Ħaż-Żabbar li tinsab fi Triq iċ-Ċawsli nġurjat jew heddet jew għamlet offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' WPC262 Diane Galea, waqt li kienet tagħmel jew minħabba li kienet tagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħa jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi qalet kliem oxxen u dagħa fil-pubbliku billi offendiet lill-PC684 Francis Falzon;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi ma obdietx l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kisret il-paċi pubblika b'għajjat storbju u ġlied.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-persuna ndikata.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni skond l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Settembru, 2009 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 95(1) u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fatt li skuzat ruħha mal-pulizija ta' l-inċident. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 384, 385, 412Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------